MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 1519/1997/1

Reverendu Joe **BORĠ**, Carmel Attard u Sylvana Bonniċi

vs

Felix **AĠIUS**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-30 ta’ Ġunju, 1997, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi talbu li din il-Qorti (a) issib lill-imħarrek responsabbli ta’ malafama u libell fil-konfront tagħhom f’artiklu li deher fil-ħarġa tat-22 ta’ Settembru 1996, tal-gażżetta “*KullĦadd*”, taħt it-titlu “*Ippersegwitat min-nies ta’ Louis Galea*” u dan għaliex l-istess artiklu jillibellahom u jagħtihom isem ħażin u jqiegħdhom għad-disprezz u r-ridikolu tal-pubbliku; u (b) tikkundannah li jħallashom dik is-somma li jogħġobha tillikwida bħala danni u biex tagħmel tajjeb għall-inġurja

morali u l-isem ħażin li huma sofrew minħabba l-imsemmi artiklu, għall-finijiet tal-artikolu 28 tal-Kapitolu 248 tal-Liġijiet ta' Malta. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa fit-12 ta' Mejju, 1998, li biha l-imħarrek Felix Aġius laqa' għall-azzjoni tal-atturi billi ċaħad li l-artiklu jillibella lill-atturi. Laqa' wkoll billi qal li, f'kull każ, dak l-artiklu huwa privileġġat għaliex jikkonsisti f'rapport ta' xhieda mogħtija taħt ġurament quddiem il-Kummissjoni dwar l-Impiegi mwaqqfa bil-Kostituzzjoni. Żied jgħid li huwa kien qiegħed jeżerċita d-dritt tal-espressjoni ħielsa u l-liberta' li jagħti tagħrif bħala ġurnalist, bi dmir li jirapporta dak li jkun ingħad f'xhieda pubblika, minn persunaġġ pubbliku dwar kwestjoni ta' interess pubbliku. Jgħid li dak huwa dritt magħruf fis-soċjetajiet demokratiċi u mħares mil-liġi tal-Istampa u mill-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem. Bla ħsara għal dak li ingħad qabel, laqa' wkoll billi qal li l-kummenti tiegħu kienu jikkostitwixxu *fair comment* u espressjoni ta' fehmiet dwar kwestjoni ta' interess pubbliku;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tad-19 ta' Mejju, 2000[1], li bih u għar-raġunijiet ordnat it-tneħħija mill-atti tal-kawża ta' dokument imressaq mill-imħarrek wara li l-kawża kienet tħalliet għas-sentenza dwar it-tieni eċċezzjoni preliminari tiegħu;

Rat is-sentenza *in parte* mogħtija minnha (diversament presjeduta) fit-22 ta' Mejju, 2000[2], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-imħarrek (dwar jekk il-pubblikazzjoni kenitx waħda privileġġjata);

Rat id-degriet interlokutorju tagħha (diversament presjeduta) tat-30 ta' Novembru, 2001[3], li bih ċaħdet it-talba tal-imħarrek li terġa' ddaħħal fl-atti tal-kawża d-dokument li kienet ordnat li jitneħħa mill-atti bid-degriet tagħha tad-19 ta' Mejju, 2000;

[1] Paġġ. 91 – 2 tal-proċess
[2] Paġġ. 94 – 8 tal-proċess
[3] Paġġ. 109 – 110 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tad-29 ta' April, 2002[4], li bih ħatret lill-Avukat Greta Mifsud Aġius bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma' x-xhieda ta' l-assenti Philip Rizzo, liema degriet tħassar b'ieħor tal-4 ta' Ġunju, 2003[5], wara li l-imħarrek baqa' ma nqediex bil-fakulta' li matul dak iż-żmien kollu jressaq lill-imsemmi xhud;

Rat id-degriet kamerali tagħha tad-29 ta' April, 2004[6], fuq talba magħmula mill-avukat tal-imħarrek waqt is-smigħ tat-2 ta' Marzu, 2004, li bih laqgħet it-talba li l-imħarrek iressaq xhud li jipprovaw il-veraċita' tal-fatti li ġew rapportati fl-artiklu mertu tal-każ;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija kawża ta' libell famuż taħt l-Att tal-1974 dwar l-Istampa. L-atturi ħassewhom immalafamati u mweġġgħin b'artiklu li deher fil-ħarġa tat-22 ta' Settembru, 1996, tal-ġurnal "*Kull Ħadd*", billi daħħal kummenti li jingħad li qal wieħed Philip Rizzo, waqt xhieda li kien qiegħed jagħti taħt ġurament, fis-sens li l-atturi kienu qegħdin jippersegwitawh fl-interess ta' persuna politika meta għamlulu intervista biex tidher f'ħarġa tal-gażżetta "*Il-Ġens*". Iqisu li dak l-artiklu jwaqqagħlhom ġiehhom bħala ġurnalisti u jċekkinhom mal-qarrejja u jikxifhom ghad-disprezz pubbliku;

[4] Paġ. 118 tal-proċess
[5] Paġ. 124 tal-proċess
[6] Paġġ. 127 – 9 tal-proċess

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa' billi ċaħad bil-qawwa li l-artiklu jillibella lill-atturi. Żied jgħid li l-artiklu li kiteb kien wieħed privileġġjat minbarra li huwa kien qed jeżerċita l-jedd tiegħu għall-espressjoni ħielsa li, bħala ġurnalist, tagħtih il-jedd li jirrapporta fedelment dak li jkun ingħad b'xhieda pubblika minn persuna pubblika dwar interess pubbliku. Laqa' wkoll billi qal li l-kummenti li saru fl-imsemmi artiklu kienu "*fair*" u mibnija fuq espressjoni ta' fehmiet dwar kwestjoni ta' interess pubbliku;

Illi b'sentenza preliminari mogħtija fit-22 ta' Mejju, 2000, it-tieni eċċezzjoni ma ntlaqgħetx;

Illi l-fatti ewlenin li jsawru l-każ juru li f'April tal-1995[7] il-gażżetta "*Il-Ġens*" ħarġet bi storja dwar xi Maltin li l-Pulizija taljana kienet qiegħda tistħarreġ b'rabta ma' xi tmexxija finanzjarja ta' lukanda fi Sqallija u ħwejjeġ oħra ta' negozju li kienu nisslu suspetti u proċeduri f'Qorti fi Sqallija stess. Din l-istorja dehret fuq medda ta' żewġ ħarġiet tal-imsemmija gażżetta ġimgħa wara l-oħra. Dak iż-żmien, l-attur Borġ kien *chairman* tal-*Media Centre* li minn ħdanha kienet toħroġ l-imsemmija gażżetta, filwaqt li l-attur Attard kien l-editur reġistrat. L-attriċi Bonniċi kienet ġurnalista mal-istess gażżetta. L-imsemmija artikli nkitbu miż-żewġ atturi Borġ u Attard u t-tiftix tal-materjal u t-tagħrif mogħti (li l-ewwel indikazzjoni tiegħu twassal lill-gażżetta b'mod anonimu) nġabar minnhom[8]. Kienu huma wkoll li ħejjew il-mistoqsijiet li saru f'intervista lil wieħed mill-persuna investigati – Philip Rizzo – u kienet l-attriċi Bonniċi l-persuna li ntervistat lil Rizzo b'dawk il-mistoqsijiet[9];

Illi l-imsemmi Philip Rizzo, f'dak iż-żmien, kien awditur u wkoll konsulent fi proġett ta' bini ta' sptar ġdid f'Malta u wkoll fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi u wkoll *project manager* fl-Uffiċċju relattiv tal-Universita' f'Malta. Wara li deher l-ewwel artiklu fil-"*Ġens*", Rizzo irriżenja mill-karigi pubbliċi kollha tiegħu f'Malta;

---

[7] Dokti "B" u "Ċ" f'paġġ. 30 – 3 tal-proċess
[8] Xhieda tal-attur Attard 18.1.1999, f'paġ. 62 tal-proċess
[99] Xhieda tal-attur Borġ 16.11.1998, f'paġġ. 55 sa 60 tal-proċess

Illi f'xi żmien matul l-1996, Rizzo kien tressaq b'xhud f'każ li wieħed Dottor Mario Vella kellu quddiem il-Kummissjoni dwar l-Impiegi, u f'dik l-okkażjoni Rizzo rabat l-intervista li saritlu mill-ġurnalista tal-"*Ġens*" ma' katina ta' ġrajjiet li huwa qies li kienu qegħdin isirulu fuq istigazzjoni ta' persuna li dak iż-żmien kienet Ministru fil-Kabinett tal-Ministri. Huwa kien individwa min, fis-suspetti tiegħu kien l-imsemmi Ministru. Xi ġranet wara, deher l-artiklu mertu ta' din il-kawża. L-artiklu li deher fl-ewwel paġna tal-gażżetta "*Kull Ħadd*" fit-22 ta' Settembru, 1996, kien iġib il-firma tal-imħarrek, li dak iż-żmien kien l-editur eżekuttiv tal-istess gażżetta[10];

Illi l-atturi fetħu l-kawża f'Ġunju tal-1997;

Illi <u>għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet legali dwar il-mertu</u> jibda biex jingħad li hemm bosta aspetti li l-Qorti ntalbet tqis dwar dan il-każ mill-avukati tal-partijiet, issa li l-eċċezzjoni tal-pubblikazzjoni privileġġjata ma ntlaqgħetx;

Illi l-ewwel konsiderazzjoni li l-Qorti jidhrilha li trid tagħmel huwa **jekk kemm-il darba l-artiklu miktub mill-imħarrek** (aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-artiklu") **huwiex wieħed libelluż**. L-atturi jgħidu li l-artiklu huwa libelluż fil-konfront tagħhom għaliex iqisu li jixlihom li huma ma wettqux is-sejħa tagħhom ta' ġurnalisti, imma ħallew lil min jinqeda bihom biex jilħaq l-għanijiet tiegħu li jagħmel ħsara lil ħaddieħor. Jgħidu li dan iwaqqagħlhom l-istima tagħhom bħala ġurnalisti, jqigħedhom f'ħalq in-nies u jbaxxihom f'għajnejn il-pubbliku[11]. Jgħidu li l-artiklu jixhed dan l-atteġġament mill-intestatura nnifisha tiegħu;

Illi min-naħa tiegħu, l-imħarrek jgħid li kulma nkiteb fl-artiklu ttieħed minn xhieda maħlufa li persuna tat quddiem Kummissjoni mwaqqfa taħt il-Kostituzzjoni u li l-kliem li l-atturi jħossuhom offiż bih kien sewwasew kliem l-imsemmi xhud. Iżid jgħid ukoll li l-artiklu fih tagħrif li jinteressa lill-pubbliku in ġenerali, li jirrigwarda persuna pubblika u li

[10] Paġ. 9 tal-proċess
[11] Xhieda tal-attur Borġ f'paġ. 45 tal-proċess

jolqot ħwejjeġ li ġraw u li jista' jsir kumment dwarhom f'kull soċjeta' demokratika;

Illi biex l-imħarrek jista' jistrieħ fuq id-difiża tal-kumment xieraq, irid juri li sostanzjalment il-fatti allegati huma minnhom. Kemm hu hekk, huwa stabilit li jekk il-fatti ma jkunux stabiliti b'mod soddisfaċenti, ma tkunx tista' tirnexxi d-difiża tal-"ġustifikazzjoni" u jekk il-fatti ma jkunux minnhom lanqas jista' jingħad li jkun hemm "*fair comment*" u dan għaliex biex kumment ikun "*fair*" u magħmul b'bona fidi jrid ikun imsejjes fuq il-verita' tal-fatt attribwit lill-parti kwerelata[12];

Illi l-Qorti tqis li isem l-atturi ma jidher bl-ebda mod fl-artiklu. Dan il-fatt waħdu, madankollu, m'huwiex ta' xkiel biex l-atturi jmexxu 'l quddiem il-kawża, sakemm mill-kontenut joħroġ ċar min kienet dik il-persuna u jekk dak li jingħad fl-artiklu jkun tassew tahom isem ħażin[13]. Issa jirriżulta li fl-artiklu mertu tal-każ, fi tliet paragrafi minnu lejn l-aħħar tiegħu, tissemma l-gażżetta "*Il-Ġens*", u mkien ma tissemma xi data jew jingħata tagħrif ieħor dwar meta kienet ippubblikata l-intervista li saret lil Philip Rizzo. Biex bniedem jew qarrej kurjuż jorbot lill-atturi mal-imsemmi artiklu, ried tabilfors jagħmel tiftix fl-arkivju tal-istess "*Il-Ġens*". Madankollu, l-istess artiklu jagħmilha ċara li Rizzo qies lill-"*Ġens*" bħala parti minn nisġa li l-Ministru Louis Galea kien fassal biex jippersegwitah. Dik il-parti tal-artiklu torbot b'mod ewlieni mal-intestatura tiegħu u donnha titfa' l-attenzjoni kollha ta' dak li seta' qal Rizzo fix-xhieda tiegħu għal fuq dak is-suspett tiegħu biss;

Illi jekk wieħed iqis li l-atturi stqarrew li l-intervista li saret lil Rizzo ssemmiet fil-ħarġiet ta' "*Il-Ġens*" ta' April tas-sena ta' qabel, wieħed isib li dawn iż-żewġ artikli kienu jġibu l-firma tal-atturi Borġ u Attard u, min jaqrahom u jorbothom mal-artiklu, jista' jieħu l-fehma li Rizzo kien iqis lill-istess atturi bħala "nies ta' Louis Galea". L-atturi jisħqu li ħadd ma qabbadhom jiġru wara Philip Rizzo u ħadd ma għaddhielhom jew issuġġerielhom x'mistoqsijiet kellhom

[12] Ara. P.A. JSP **3.10.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Joseph Ċiappara vs Joseph Żammit*** (mhix pubblikata) fost bosta oħrajn
[13] App. Ċiv. **15.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Camilleri et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.372**)

jagħmlulu. Jgħidu li kienet l-istorja nnifisha li wriethom li l-każ kien wieħed ta' min isegwih. Itennu li l-mistoqsijiet saru wara tiftix b'reqqa fuq il-każ mit-tnejn li huma għal rashom (u mbagħad, wara, qabblu ma' xulxin dak li sabu jew saru jafu bih individwalment) u minn fatti ta' min joqgħod fuqhom li ħarġu minn dak it-tiftix u minn għejjun li wieħed seta' jafda. L-istess ħaġa tingħad dwar iż-żewġ artikli li huma kitbu u ippublikaw fiż-żewġ ħarġiet konsekutivi tal-"*Ġens*" dwar din l-istorja tagħhom;

Illi meta l-Qorti tqis dik id-dikjarazzjoni ta' Rizzo u torbotha mal-intestatura tal-artiklu, joħroġ li dik l-istess intestatura kategorika ma tħalli l-ebda għażla oħra għajr li l-qarrej tabilfors jifhem li tal-"*Ġens*" huma jew, f'dawk iż-żminijiet, kienu "nies ta' Louis Galea". Il-kliem tal-intestatura u tal-partijiet rilevanti tal-artiklu huma tali li jindikaw 'fatt' u bl-ebda mod ma juru li dak li jingħad kien fehma jew suspett, għaliex, għall-kuntrarju, l-artiklu jorbot dak il-'fatt' ma ġrajjiet oħra li tassew ġraw lil Rizzo u li huwa rahom bħala l-proċess ta' persekuzzjoni li kien qed iġarrab. L-imħarrek ma ressaq lanqas l-iċken prova li turi li l-atturi jew il-gażżetta tagħhom kienet tassew marbuta b'xi mod mal-imsemmi Ministru tali li huma jew hi tista' tintwera li tagħmel minn ċirku li jista' jissejjaħ tan-"nies ta' Louis Galea";

Illi l-fatt li l-artiklu kien qiegħed jirriproduċi stqarrija magħmula f'ambjent ieħor fl-ambitu ta' proċediment ma jagħti lill-imħarrek l-ebda kenn biex jittrasmetti bħala fatt dak li m'huwiex jew, tal-anqas, dak li huwa naqas li jipprova kif jixraq li kien hekk tassew[14];

Illi, fid-dawl tal-imsemmija konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li l-artiklu kien wieħed libelluż u li ma tistax tilqa' l-eċċezzjoni li l-kummenti magħmula jikkostitwixxu "*fair comment*";

Illi l-Qorti sejra tqis **jekk l-atturi humiex identifikati fl-artiklu**. Kif ingħad diġa, l-artiklu ma jsemmi bl-ebda mod l-ebda wieħed mill-atturi. Biex azzjoni ta' libell bl-istampa

[14] App. Ċiv. **3.3.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Rev. Joe Borġ vs Felix Aġius***

tirnexxi, l-kitba li tkun trid tabilfors tkun marbuta ma' l-persuna tal-parti attriċi, imqar jekk tkun indiretta jew "velata taħt xi figura jew oħra ta' espressjoni", u dan lil hinn minn jekk il-kittieb tal-istampat kellux f'moħħu lil dik il-persuna meta kiteb dak li kiteb[15]. Madankollu, huwa miżmum li l-identita' tal-parti malafamata tista' tinġieb minn artikli oħra jew materjal ieħor li jkun inkiteb u li jitfa' dawl fuq l-identita' mistura tal-persuna fl-artiklu inkriminat, imqar jekk il-materjal l-ieħor ikun jikkonsisti f'kitba oħra sussegwenti tal-parti mħarrka[16];

Illi, kif ingħad qabel, jekk wieħed jara l-artikli miktuba mill-atturi Borġ u Attard f'April tal-1995, wieħed ma jistax ma jintebahx li dawk iż-żewġ artikli jġibu isimhom bħala l-persuni li segwew l-istorja. Mn-naħa l-oħra, isem l-attriċi Bonniċi ma jidher imkien u lanqas jingħata ħjiel tas-sehem tagħha meta hija marret intervistat lil Rizzo. Minbarra dan, filwaqt li l-atturi Borġ u Attard kellhom ukoll, dak iż-żmien, karigi amministrativi wkoll marbutin mal-gażżetta "*Il-Ġens*", l-istess ma jistax jingħad dwar l-attriċi Bonniċi. Kulma nafu hu li hija kienet waħda mill-ġurnalisti tal-gażżetta u lanqas huwa biss magħruf jekk kinitx l-unika ġurnalista mara li l-istess gażżetta kellha f'dak iż-żmien;

Illi, għalhekk, il-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li filwaqt li l-identita' tal-atturi Borġ u Attard tinstilet b'xi mod u tintrabat ma' dak li jissemma fl-artiklu li dwaru nfetħet din il-kawża, ma jistax jingħad l-istess fir-rigward tal-attriċi Bonniċi. Fi kliem ieħor, la fl-artiklu mertu ta' din il-kawża u lanqas fl-artikli miktubin fil-gażżetta "*Il-Ġens*" l-attriċi la hija identifikata u lanqas hija identifikabbli. Dan ifisser li, fir-rigward tal-attriċi, jiġi nieqes wieħed mill-elementi meħtieġa biex trieġi l-azzjoni tagħha billi tonqos għal kollox l-identifikazzjoni tagħha mal-fatti li jissemmew;

Illi, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiuet li għadhom kemm saru, l-Qorti qiegħda ssib li l-attriċi Sylvana Bonniċi ma setgħet bl-ebda mod tintrabat mal-artiklu u b'hekk sejra

[15] App. Ċiv. **13.1.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***L-Onor. John Rizzo Naudi vs Felix Aġius et*** (mhix pubblikata) .
[16] <u>*Gatley On Libel & Slander*</u> (10th Edit) § 7.4 f'paġ. 164

teħles lill-imħarrek mill-ħarsien tal-ġudizzju fil-konfront tagħha;

Illi għal dak li jirrigwarda l-**likwidazzjoni tad-danni** għandu jiġi osservat li l-liġi tagħti grad ta' diskrezzjoni dwar l-ammont li tista' tordna lill-parti diffamanti li tħallas lill-parti libellata. Il-liġi tqiegħed biss ammont massimu li jista' jingħata. F'dan ir-rigward, jidher li l-kriterju għaqli li l-Qorti għandha żżomm quddiem għajnejha huwa dak tas-sens ta' proporzjon li jqis il-fatt tal-inġurja, tal-gravita' tagħha, tal-persuna (jew il-kariga) li lejha l-inġurja hija diretta, flimkien mal-pubbliku li dik l-inġurja tkun trid tilħaq[17];

Illi l-Qorti qegħda tqis, fost l-oħrajn, li l-artiklu mertu tal-każ kien maħsub li jqanqal reazzjoni mhux daqstant kontra l-atturi, imma kontra persuna politika, billi jinvolvi indirettament lill-atturi ma' dik il-persuna; fuq kollox, il-"fatt" li fuqu nbena l-artiklu ħareġ li ma kienx minnu, iżda kien biss perċezzjoni ta' persuna li bl-ebda mod ma ġiet sostanzjata;

Illi, meħuda dawn iċ-ċirkostanzi kollha, il-Qorti qegħda tillikwida d-danni li għandhom jitħallsu l-atturi Borġ u Attard fis-somma ta' seba' mitt euro (€ 700) kull wieħed;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Teħles lill-imħarrek** milli joqgħod fil-kawża fil-konfront tal-attriċi Sylvana Bonniċi, bl-ispejjeż kontra tagħha, u dan peress li fir-rigward tagħha jonqsu l-elementi meħtieġa fil-liġi biex hija setgħet tmexxi 'l quddiem il-kawża;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-imħarrek ta isem ħażin u immalafama lill-atturi Borġ u Attard bil-pubblikazzjoni tal-artiklu li deher fil-ħarġa ta' t-22 ta' Settembru, 1996, tal-gażżetta "*Kull Ħadd*";

**Tilqa' t-tieni talba attriċi,** tillikwida d-danni li għandhom jirċievu l-atturi Borġ u Attard fis-somma ta' seba' mitt euro

---

[17] P.A. **23.3.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Tonna et vs Aġius et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.87**)

(€700) kull wieħed, u tikkundanna lill-imħarrek iħallashom l-imsemmija somma bħala danni mġarrba; u

**Tikkundanna** lill-istess imħarrek iħallas ukoll l-ispejjeż tal-kawża, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq is-somma ta' danni likwidata b'effett millum sal-jum tal-ħlas effettiv, magħduda dawk tas-sentenza preliminari tat-22 ta' Mejju, 2000, ħlief dawk imsemmija aktar qabel dwar l-attriċi Bonniċi li jridu jitħallsu minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------